# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-13 ta' Novembru 2023**

**Rikors Nru : 491/2023JPG**

**Kawza Nru : 15**

**KC**

**U**

**RC**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet data 13 ta' Settembru 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti kienu zzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju 2015 skond certifikat taz-zwieg (anness u mmarkat* ***Dok A****) u minn dan iz-zwieg huma ghandhom tifel wiehed, KCC li ghandu X snin u ghalhekk huwa minuri;*

2. *Illi l-partijiet ilhom 'de facto' separati minn Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet datat it-22 ta' Gunju 2023 in atti Nutar Dottor Annmarie Agius (anness u mmarkat* ***Dok B****) u m`hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn seba' snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u kull parti ghandha rabtiet ohra;*

*3. Illi skond l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet iddekadew ghad-dritt li jircievu manteniment minn ghand xulxin, u l-manteniment dovut ghal wild dejjem gie mhallas;*

*4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;*

*2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet (Vide Fol 18) fejn iddikjaraw li ma ghandhom ebda trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**KC xehed** (vide affidavit fol 2) illi l-partijiet izzewgu nhar id-29 ta' Mejju 2015, u minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni. Sostna illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Gunju 2023 in atti tan-Nutar Dr Anne Marie Agius. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ilhom jghixu hajja totalment independenti u separata minn xulxin ghal dawn l-ahhar seba' (7) snin u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**RC xehdet** (vide fol 3) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Mejju 2015, liema zwieg jgib certifikat numru 1220/2015 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Gunju 2023 in atti tan-Nutar Anne Marie Agius, izda jirrizulta li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar seba' snin.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1220/2015 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**